MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 82/2023-8

It-Tlieta, 24 t'Ottubru 2023

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Dott. Marlene Cini.

## 82.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

82.1.1 Is-Sindku nfurmat lil membri li l-Viċi Sindku Sandra Grech ser jittardjaw.

## 82.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

82.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħat nru. 79/2023-8, 80/2023-8 u 81/2023-8 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

82.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

82.2.3 Il-Kunsillier Baskal Saliba talab sabiex tiġi kkoreġuta minuta 79.3.4 mill-Minuti 79/2023-8 sabiex minflok 'issir minn' minflok tinkiteb 'flimkien ma'. Rigward Minuti 80/2023-8 talab ukoll sabiex tiġi kkoreġuta minuta f'paġna 2 fejn titħassar 'qal li hu ma jagħmilx użu minn din it-triq u' u minflok 'Il-Kunsillier Baskal Saliba propona tinkiteb 'Is-Sindku proponiet'. Il-Kunsillier Daniel Cordina talab sabiex tiġi kkoreġuta minuta 79.4.1.2 u tiżdied 'bi ħlas'. Il-membri qablu li jsiru dawn il-korrezzjonijiet.

82.2.4 Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-mintuti nru 79/2023-8, 80/2023 u 81/2023-8 u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 82.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

82.3.1 Is-Sindku, Dott Marlene Cini nfurmat lil membri li l-laqgħa li l-Kunsill kien talab lir-Reġjun għal Għawdex rigward l-iskart ġiet imħassra mir-Reġjun għal Għawdex stess.

82.3.2 Is-Sindku ħeġġet lil membri sabiex jattendu għall-laqgħa plenarja li ser issir nhar is-Sibt, 28 t'Ottubru 2023.

82.3.3 Is-Sindku fakkret ukoll lil membri sabiex jattendu għaċ-ċelebrazzjoni ta' Jum Għawdex li ukoll ser issir nhar is-Sibt, 28 t'Ottubru 2023.

82.3.4 Rigward is-CCTV cameras ġodda s-Sindku, Dott Marlene Cini infurmat lil membri li hi, s-Seg. Eżekuttiv, uffiċċjal tal-LESA u l-kuntrattur iltaqgħu sabiex jiġi vverifikat x'hemm bżonn isir biex jiġu nstallati s-CCTV. Infurmat lil membri li s-CCTV tal-Menqa ma tistax issir minħabba l-elementi tal-baħar u peress li la hija żona pedonali u ma jidħlux karozzi, l-LESA ma jistgħux jagħtu citazzjonijiet lil min jinqabad iħammeġ. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li tnaqqas l-abbuż f'dawk l-inħawi peress li kellem lil min kien qed jarmi u propona li xorta teħel CCTV u tkun taħt is-sorveljanza tal-Kunsill u s-CPT. Il-membri qablu. Is-Sindku proponiet li tiġi mwaħħla CCTV oħra fi Triq il-Qbajjar faċċata ta' Triq it-Torn u li din tiġi isorveljata mill-LESA. Il-membri qablu.

82.3.5 Is-Sindku nfurmat lil membri li nġabru 3 kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw il-qsari ta' fejn iċ-ċimiterju. Il-membri qablu li tintgħażel l-irħas offerta dik ta' €1,506.

82.3.6 Is-Sindku infurmat lil membri li ser issir laqgħa ma TM u l-Perita tal-Kunsill rigward il-bollards u t-tabelli tal-Menqa f'Marsalforn.

82.3.7 Is-Sindku nfurmat lil membri li l-kors ta' l-AED ser jibda l-Erbgħa, 22 ta' Novembru 2023 fis-Sala tal-Każin tal-Banda u ser isir minn Felicienne Cini. Il-membri qablu li jinħareġ avviż f'dan ir-rigward.

## 82.4 Tweġibiet/Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

82.4.1 *Il-Kunsillier, Nicky Saliba ressaq dawn il-punti:-*

82.4.1.2 Ġibed l-attenzjoni tal-membri li ma kienx hemm ftehim li jitneħħew it-tabelli tal-*one way* qabel jinbena l-ħajt. Is-Sindku nfurmatu li ma kienx hemm qbil li jitneħħew it-tabelli wara li jitnaddaf il-ġebel li waqa' mit-triq. Il-Kunsillier Nicky Saliba talab sabiex titniżżel fil-minuti li hu ma qabilx li titneħħa l-*one way* qabel ma jinbena l-ħajt.

82.4.1.3 Talab sabiex malajr kemm jista' jkun titranġa l-bankina ta' fejn Sagħtrija Complex. Informa lil membri li jekk ma tkunx lesta sa 15-il ġurnata ser jirranġuha hu u jibgħat il-kont lil Kunsill. Is-Sindku nfurmatu li l-kuntrattur kien indispost.

82.4.1.4 Talab sabiex jitnaddaf bil-bowser ta' l-ilma l-playing field tal-Virtut u fakkar sabiex jinżebaħ il-bieb tal-garaxx.

82.4.1.5 Talab sabiex jinżabru s-siġar bejn is-Saghrija u Wied l-Għasri. Is-Sindku nfurmatu li jinżabru wara li jinġab il-permess neċessarju ta' l-ERA. Il-Kunsillier Daniel Cordina ġibed l-attenzjoni li l-ERA tat permess lil Kunsill biex jaqla s-siġar sħaħ minn fuq il-bankina ta' Triq Santa Marija. Is-Sindku nfurmatu li sabiex inħareġ dan il-permess, il-Kunsill kellu jwaħħal 12-il sigra għat-8 siġriet mejta li qala.

82.4.1.6 Rigward is-6 bozzoz li għadhom mhux jixgħelu fi Triq ir-Rabat. Is-Sindku nfurmatu li dawn tranġaw pero' mid-dehra reġew marru bir-riħ li għamel.

82.4.1.7 Talab sabiex jinżebgħu s-sinjali tat-traffiku fil-inħawi ta' Triq il-Ponta. Il-membri qablu.

82.4.1.8 Talab sabiex isir repainting ta' *double yellow lines* fi Triq Għar Qawqla fejn il-garaxxijiet. Il-membri qablu.

82.4.1.9 Talab sabiex jinżebgħ metru *double yellow line* mal-ġenb ta' garaxx fi Triq il-Qbajjar. Il-membri qablu.

82.4.1.10 Staqsa rigward il-bankini ta' Pjazza l-Assunta. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li l-Kunsill rċieva korrispondenza mill-Perit tal-Kunsill li s-survey ser jiġi jiswa €1,829. Il-membri qablu.

82.4.1.11 Talab sabiex jitressaq *litterbin* fejn il-Playing Field tal-Virtut. Il-membri qablu.

*Il-Viċi Sindku Sandra Grech skużat ruħha li waslet tard u daħlet fil-kamra fil-4.35 ta' filgħaxija.*

82.4.2 *Il-Viċi Sindku, Sandra Grech ressqet dawn il-punti:-*

82.4.2.1 Talbet sabiex jiġu kkuntatjati l-Greens u Lidl sabiex ma jintefewx karti tar-reklami fl-art speċjalment f'Marsalforn.

82.4.2.2 Rigward it-talba għal yellow line fi Triq Frank Debono, is-Seg. Eżekuttiv infurmata li r-residenta lanqas triq 1m *double yellow line* mal-ġnub tal-garaxx għax hi ma tkunx tista' tipparkja.

82.4.2.3 Infurmat li hemm pipijiet ta' l-asbestox u imbarazz fi Triq il-Qbajjar sabiex jinġabru. Proponiet u l-membri qablu sabiex jitwaħħlu tabelli li jfakkru lir-residenti li l-Kunsill joffri servizz tal-Bulky.

82.4.2.4 Talbet sabiex titwaħħal bozza ġdida fi Triq is-Salini ma Tas-Salvatur Flats, Blk B. Il-membri qablu peress li diġa nġab il-permess ta' sid il-flat fejn ser teħel din il-bozza.

82.4.2.5 Talbet sabiex titranġa bit-tarmac it-triq li tieħdok lejn Wied il-Għasri.

82.4.2.6 Talbet sabiex il-Kunsill jwaħħal aktar tabelli f'Marsalforn li jindikaw biex ma jħammġux il-klieb. Il-membri qablu.

2.4.2.7 Talbet sabiex tinġibed l-attenzjoni lil kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart sabiex il-boroz li jitqettew waqt li jkun qed jiġbor jiknes li l-iskart li jkun waqa'.

82.4.3 *Il-Kunsillier Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:-*

82.4.3.1 Talab u l-membri qablu sabiex tintbgħat email sabiex il-Kunsill jingħata żewġ ħaddiema taħt l-iskema tas-CWS li jkunu stazzjonati f'Marsalforn.

82.4.3.2 Talab sabiex jinżebgħu sinjali tat-traffiku STOP u GIVE WAY fi Triq Sagħtrija u Triq Skapuċċina fl-inħawi tal-Playing Field tal-Virtut. Il-Kunsillier Nicky Saliba infurmah li din kienet diġa ġiet diskussa fil-Kunsill preċedenti mal-Perit tal-Kunsill u jekk dawn isiru jitnaqqsu l-parkeġġi. Il-Kunsillier Daniel Cordina talab sabiex isir diskussjoni mal-Perit f'dan ir-rigward u jara x'jista' jsir sakemm ma jitneħħewx il-parkeġġi.

82.4.3.3 Talab sabiex tintbgħat tfakkira lil Perit tal-Kunsill sabiex jissottometti l-BOQ għal kisi ta' Triq il-Ponta.

82.4.3.4 Talab sabiex tinxtara l-kurduna u l-madum tal-bankina ta' M. Cini la tal-Ministeru għal Għawdex ma approvawx it-talba tal-Kunsill għal provista ta' kurduna u madum. Informa lil membri li weġgħet tifla ta' 5 snin. Kompla jgħid li mhux aċċettabli li din il-bankina titħalla hekk minħabba l-perikolu. Is-Sindku fakkritu fil-lista tal-bankini li l-Kunsill għandu x'jagħmel. Wara diskussjoni ġie maqbul li tinxtara l-kurduna u l-madum u ssir mill-ħaddiem tal-Kunsill wara li jidħol mill-leave.

*Il-Kunsillier Nicky Saliba skuża ruħu u talab sabiex jitlaq mill-kamra minħabba mpenji oħra. Ħareġ mill-kamra fil-4.50 ta' filgħaxija.*

82.4.3.5 Rigward is-sies Ta' Abram. Staqsa jekk il-Kunsill kellux xi risposta mill-Awtorita' ta' l-Artijiet u għat-tieni darba reġa' propona li dan is-sies jiddawwal. Is-Sindku nfurmatu li l-Kunsill għad ma rċieva ebda risposta jekk dan is-sies hux privat jew pubbliku. Il-membri qablu li l-Kunsill jistenna r-risposta mill-Awtorita' ta' l-Artijiet.

82.4.3.6 Talab sabiex il-ħajt li nbena ħażin f'Ta' Tuttiet ta' J. Zammit jinbena minn JP Saliba. Il-membri qablu.

82.4.3.7 Rigward il-parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilita' fi Triq Għar Qawqla, talab lis-Seg. Eżekuttiv sabiex tivverifika mat-traffic management li kienet ġiet approvata minn TM jekk dan il-parkeġġ hux imniżżel f'din il-pjanta.

82.4.3.8 Sabiex tintbgħat tfakkira lil Perit tal-Kunsill rigward il-parkeġġ li jiġi fuq in-naħħa tal-belvedere fi Triq Għar Qawqla sabiex wara ssir laqgħa mar-residenti.

82.4.3.9 Tfakkira sabiex issir laqgħa mal-BCA rigward xogħol ta' skavar u demoluzzjoni f'Marsalaforn fil-ġranet tas-Sajf peress li hemm xi toroq li mhux imniżżla fuq il-lista.

82.4.3.10 Talab sabiex jinbidlu l-qsari niexfa ta' quddiem l-għassa. Il-membri qablu li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-korp tal-pulizija. Qablu wkoll li għal Milied jiżżejnu ukoll.

82.4.3.11 Rigward Ġnien iż-Żebbuġ propona u l-membri qablu li l-ewwel picnic bench jkun aċċessibli għal persuni b'diżabilita' billi ssir ċangatura dopja.

82.4.3.12 Rigward it-talba tal-Kunsill għal żebra crossing ġdida fl-ewwel parti ta' Triq Santa Marija. Is-Sindku nfurmatu li din ġiet amalgamata mal-pjanta tal-bollards u s-sinjali tat-traffiku. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li din hija materja urġenti u għandha tiġi ndirizzata. Is-Sindku reġet infurmatu li qed tistenna li ssir il-laqgħa ma TM.

82.4.3.13 Il-Kunsillier Cordina issuġġerixxa u l-membri qablu li jinbidel it-turf li hemm fil-playing field tal-Qbajjar Promenade. Kompla jgħid li il-Klabb

tal-Futbol ta' Sannat għandhom turf second hand għal bejgħ li jiswa' €200 kull romblu. Il-membri qablu li x-xogħol għandu jsir minn JP Saliba.

82.4.3.14 Talab sabiex terġa tintbgħat tfakkira rigward ir-repainting tad-double yellow lines fi Triq l-Imgħallem.

82.4.3.15 Talab sabiex terġa tintbgħat tfakkira rigward ilqugħ f'Wied is-Salve Regina peress li perikolu li tista' taqa' xi karozza.

82.4.3.16 Talab sabiex jitnaddaf il-konkos li hemm f'nofs Triq l-Imgħallem mill-impjant 'il fuq. Il-membri qablu li dan ix-xogħol isir minn R. Axiaq.

82.4.3.17 Talab sabiex terġa tintbgħat tfakkira sabiex titranġa il-biċċa li qed iċċedi mill-aktar fis possibli fejn il-ġebla tal-Munġitar fi Triq Għajn Mhelhel.

82.4.3.18 Propona sabiex jintefa l-festun li hemm fil-Bajja tal-Qbajjar fil-11 ta' filgħaxija jew inkella jinbidlu l-LED's għal vultaġġ iktar baxx.

82.4.3.19 Talab sabiex fuq it-tabelli ta' fejn il-BOV fil-front ta' Marsalforn tiżdied li d-divers jistgħu jidħlu. Is-Sindku nfurmatu li dawn diġa żdiedu.

82.4.3.20 Talab sabiex il-belvedere fi Triq Għajn Mhelhel fejn hemm il-bankijiet jinxtegħel b'dawl baxx u propona li dan ix-xogħol isir minn N. Cassar. Il-membri qablu li għandu jiġi nfurmat b'dan il-kuntrattur sabiex jara x'jista' jsir.

82.4.3.21 Sabiex titranġa rampa fi Triq Wied l-Infern. Il-membri qablu li dan ix-xogħol jsir minn JP Saliba.

82.4.3.22 Informa lil membri li attenda għal *clean up* fil-Batterija tal-Qbajjar. Qal li huwa tal-biki li wirt nazzjonali jitħalla mitluq. Propona u l-membri qablu li tintbgħat ittra bl-Avukat tal-Kunsill lil Awtorita' ta' l-Artijiet sabiex malajr kemm jista' jkun il-Batterija tgħaddi f'idejn Din l-Art Ħelwa u l-Kunsill. Sostna li Din l-Art Ħelwa għandhom il-fondi kollha neċessarji sabiex din tiġi restawrata.

82.4.4 *Il-Kunsillier Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:-*

82.4.4.1 Talab sabiex jintbgħatu tfakkira fuq il-*crash barriers* biex tiżdied il-ħadida ta' taħt minħabba perikolu għas-sewwieqa tal-muturi, sabiex jissewwa d-

dawl tal-bandli taż-Żebbuġ u isir il-manteniment neċessarju fil-latrina tal-Qbajjar Promenade.

82.4.4.2 Talab u l-membri qablu sabiex jiżdiedu bozzoz fiċ-ċint fil-bidu tat-telgħa ta' Triq Għajn Mhelhel. Il-kuntrattur għandu jkun N.Cassar.

82.4.4.3 Ġibed l-attenzjoni sabiex jingħalqu l-gradi li jinsabu fuq il-bankini ta' Triq Barda. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li dawn il-gradi huma perikolużi u llegali u minflok għal ventilazzjoni għandhom jittellew katusi mal-ħajt. Il-membri qablu li għandhom jitolbu l-parir tal-Perit f'dan ir-rigward.

82.4.4.4 Propona u l-membri qablu li bħal ma kien hemm qbil li jitpoġġa turf fil-playing field tal-Qbajjar Promenade anke fil-Playing Field tal-Virtut jitpoġġa dan it-tip ta' turf. Il-membri qablu li jitqabbad l-istess kuntrattur.

82.4.4.5 Talab sabiex fi Triq is-Salini fejn tnaddaf mit-terrapien jingħata ftit siment tul il-ħajt. Il-membri qablu li jsir rapport fuq il-Gozo LC Works.

82.4.4.6 Propona u l-membri qablu li jsir arblu ġdid tal-bandiera fejn Ġnien iż-Żebbuġ.

## 82.5 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report (Quarter 3)*

Is-Sindku stiednet lil Accountant tal-Kunsill sabiex jingħaqad b'kollegament telefoniku mal-kamra. Qal li l-Kunsill qiegħed bi €33,000 minn fuq f'dan il-kwart tas-sena. Informa lil membri li ir-Reġjun t'Għawdex għandu €59,818 – 70% tas-somma ta' l-iskart. Il-Kunsill bħalissa jinsab bi +2% FSI. Is-Sindku rringrazzjat lil accountant fis-6.10 ta' filgħaxija. Il-membri approvaw ir-rapport tat-tielet kwart tas-sena.

## 82.6 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

82.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li ingħata permess mingħand sid ta' dar fi sqaq fi Triq Madonna taċ-Ċiċċri sabiex jeħel fanal dekorattiv mad-dar tiegħu.

82.6.2 Rigward l-arblu ta' l-Enemalta fi Triq Madonna taċ-Ċiċċri, is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill qed jistenna kwotazzjoni mingħand Galea Curmi. Kompliet tgħid li hi u s-Sindku ltaqgħu ma l-Inġineer ta' l-Enemalta

fejn ġew infurmati li l-brackets u l-wires tad-dawl xorta mhux ser ikunu qed jitwaħħlu ma dan l-arblu. L-Inġineer qal li l-arblu tista' biss teħel miegħu bozza tad-dawl. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li l-brackets u l-wires tad-dawl iridu jinqalgħu peress li perikolu jekk jagħmel ħafna riħ. Fakkar li dan hu post waħdu li jinħakem mill-irjieħ. Qal li dan l-aġir ta' l-Inġineer mhux aċċettabli u qed jagħmel hekk biex jimpika. Qal li l-Inġineer waħħal il-brackets mal-faċċata ta' din il-persuna mingħajr il-kunsens tagħha. Qal li hu ser jibqa' jiġġieled sabiex jitwaħħal l-arblu għal bozza u wara jitwaħħlu wkoll l-wires tad-dawl li jinqalgħu minn mal-faċċata ta' sid id-dar. Kompla jgħid li l-Kunsill għandu jitlob lil tal-Go biex jeqelew l-arblu tagħhom u minflok jitwaħħal l-arblu tal-Kunsill.

82.6.3 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-kuntratt tagħha ser jiskadi fl-10 Novembru 2023. Il-membri qablu li jerġa jiġi mġedded.

82.6.4 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mir-Rotary Cub in Gozo għal 'The Pride of Gozo Awards 2023'. Dawn qed jistiednu lil Kunsill sabiex jinnominaw lil xi persuna li għamel ġieħ jew għen fil-lokalita'. Is-Sindku ssospendiet il-laqgħa fis-6.25 ta' filgħaxija sabiex tkun tista' tiġi diskussa din il-materja. Il-membri qablu li għandu jiġi nnominat il-Każin tal-Banda u huma jagħżlu persuna li ħaqqa dan il-ġid. In-nomini jagħlqu fil-15 ta' Diċembru 2023.

82.6.5 Korrispondenza rigward The European Week for Waste Reduction. Il-membri qablu li l-Kunsill jikkompeti u jorganizza ħarġa għal WasteServ għal istudenti ta' l-iskola tar-4 u l-5 permezz ta' Train Ride. Jinxtraw ukoll il-Water Re-usable Bottles għal dawn l-istudenti. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tikkordina mal-WasteServ u l-Iskola Primarja f'dan ir-rigward.

82.6.6 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill irċieva talba sabiex isir filming fil-Bajja tax-Xwejni. Dawn offrew li jagħtu donazzjoni lil Kunsill. Il-membri qablu li din id-donazzjoni tinqasam bejn Puttinu Cares, il-Parroċċa u ċ-Ċentru.

82.6.7 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Jumbo Supermarket fi Triq il-Qolla s-Safra ser jerġa jiftaħ u talab permess sabiex ipoġġi skip abjad fit-triq. Il-membri ma qablux ma dan peress li dan hu commercial operator u l-iskip irid ikun ġewwa skond il-liġi.

82.6.8 Korrispondenza mingħand TM fejn inħarġu l-approvazzjoni għal personalized disabled bays fi Triq il-Qbajjar fejn l-Izibet u Triq il-Qolla s-Safra.

82.6.9 Talba sabiex teħel bozza ġdida ma Tas-Salvatur Flats, Blk B, Triq is-Salini. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill diġa akkwista l-permess tas-sid biex iwaħħal din il-bozza. Il-membri qablu.

82.6.10 Kwotazzjonijiet minn D Street Lighting rigward it-tiżjin tal-milied f'Marsalforn. L-istima totali għal dan it-tiżjin hi ta' €5,233 waqt li l-ispiża għal meters temporanji hi ta' €424.80. Il-membri qablu.

82.6.11 Talba mingħand resident fi Triq il-Qbajjar fejn talbet sabiex fis-Sajf, fil-weekends biss Triq il-Qbajjar tkun 2-way wara is-7pm. Il-membri ma qablux ma din it-talba.

82.6.12 Talba minn W Bezzina sabiex jinbena l-ħajt ta' l-għalqa tiegħu li tinsab fil-parkeġġ ta' Marsalforn. Il-membri qablu li ssir applikazzjoni mal-Gozo LC Works.

**82.7** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Skeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 51/2023 għall-perjodu ta' Ottubru 2023 li tammonta għal €97,159.89 ġiet approvata mill-membri preżenti.

**82.8** Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.50 ta' filgħaxija. Il-membri qablu li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir nhar il-Erbgħa, 22 ta' Novembru 2023 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Dott. Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv